MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 32/2008/1

**Medcast Foundry Limited (C1768)**

**v.**

**Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha Malta Industrial Parks Ltd**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa Appell Kostituzzjonali ad istanza tas-soċjeta` rikorrenti appellanti Medcast Foundry Limited li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede

Kostituzzjonali) fis-27 ta' Jannar 2011 u minflok tilqa' t-talbiet kollha tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.
Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors ta' Medcast Foundry Limited fejn din, wara li ppremettiet illi:

"B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru, 2007, gie deciz appell kontra l-kumpanija rikorrenti, li ordnat l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fabbrika li ghandha u fejn topera.

"Sussegwentement, is-socjeta' rikorrenti pprezentat rikors ghar-ritrattazzjoni, u kif inhu risaput, ir-ritrattazzjoni marret quddiem il-Qorti tal-Appell imma b'kompozizzjoni differenti.

"Mal-istess talba ghar-ritrattazzjoni giet prezentata l-kawza apposita ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm ikun hemm decizjoni fuq it-talba ghar-ritrattazzjoni.

"Din it-talba giet michuda b'sentenza moghtija fis-16 ta' April, 2008, u dan mill-Qorti tal-Appell komposta bl-istess mod kif kienet komposta meta nghatat is-sentenza li ordnat l-izgumbrament fit-30 ta' Novembru, 2007. kif jidher mill-anness estratti tas-sentenza kif jidhru fuq il-website tal-Qrati, il-kompozizzjoni tal-gudikanti hija l-istess (Dok. A u Dok. B).

"Din il-kwestjoni diga' qamet quddiem il-Qorti Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem, fil-kawza "San Leonard Band Club vs Malta".

.....Omissis.....

"Illi bl-istess mod, l-istess argumenti japplikaw ghall-kwestjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza jew is-sospensjoni tal-esekuzzjoni.

“Hemm principju kardinali li jghid li “accessorium sequitur principale”. Jekk mhux legali skond il-Konvenzjoni Ewropea li l-istess gudikanti jisimghu ritrattazzjoni, multo magis ma jistghux ikunu huma li jiddeciedu li s-sentenza taghhom tidhol fl-effett, u r-ritrattazzjoni ma tkun tiswa xejn, anke jekk tkun favorevoli ghall-appellanti.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-kaz prezenti hemm vjolazzjoni tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi l-esponenti ma kellhomx it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni deciza minn Qorti imparzjali. U dan ghall-istess ragunijiet esposti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea.

“Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispetti li din l-Onorabbli Qorti, stante l-urgenza, (1) taghti provvediment temporanju billi tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Novembru 2007, fl-ismijiet Malta Development Corporation et v Medcast Foundry Limited (2) tiddikjara li d-decizjoni tas-16 ta’ April 2008, tivvjola l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li l-istess kwestjoni ma gietx deciza minn Qorti imparzjali (3) taghti kull provvediment iehor, inkluz li tiddikjara dawk il-partijiet tal-ligi tal-Kap. 12 li ghandhom x’jaqsmu mas-sospenzjoni tal-effetti ta’ sentenza li fuqha jkun hemm ritrattazzjoni (4) taghti kumpens adegwat lill-esponenti.

“Rat id-dokumenti annessi.

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn dan eccepixxa illi:

“Fl-ewwel lok stante z-zmien qasir ghad-dispozizzjoni tieghu sabiex jintavola r-risposta ghal dan ir-rikors, l-esponenti qieghed umilment jirriserva d-dritt li jwiegeb b’mod aktar ezawdjenti aktar ‘il quddiem jekk jidhirlu li jkun il-kaz.

“Rigward ir-rikors promotur, l-esponent jirrileva li meta wiehed iqis il-fatti tal-kaz ghandu jikkonkludi li ma jissussisti ebda ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Is-sentenza ikkwotata mir-rikorrent kienet tikkoncerna fatti mhux identici ghal dawk odjerni u allura ma tistax tintuza bhala mudell. Is-sentenza li nghatat mill-Qorti Ewropea f’**San Leonard Band Club vs Malta** tikkoncerna ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn l-Imhallfin sedenti baqghu l-istess li kienu taw is-sentenza ritrattata.

“Fil-kaz prezenti, ir-ritrattazzjoni li qed issir qed tkun presjeduta minn Imhallfin differenti minn dawk li ddecidew is-sentenza fl-Appell. Hija biss id-decizjoni dwar it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Appell li giet moghtija mill-istess Imhallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell. Tali decizjoni ma kinitx tolqot b’ebda mod il-mertu tal-kawza ritrattata, kuntrarjament ghal dak li gara fil-kaz ta’ **San Leonard Band Club**. Ghalhekk ma tqum ebda kwistjoni ta’ imparzjalita’.

“Ghaldaqstant, l-esponent jissottometti bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

“Rat ir-risposta tas-socjeta’ Malta Industrial Parks Limited fejn din eccipiet illi:

“In linea preliminari, is-socjeta’ rikorrenti naqset li titlob l-astensjoni tal-gudikanti li kienu qed jiffurmaw il-Qorti ta’ l-Appell fil-mori tal-proceduri li minnhom qieghda tilmenta permezz tar-rikors kostituzzjonali fl-ismijiet fuq premessi u ghalhekk akkwixxiet ghall-kompozizzjoni ta’ dik l-istess Qorti;

“Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-procedura ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ sentenza *ai termini* tal-Art. 823 tal-Kap. 12 hi procedura straordinarja u l-istess dispozizzjoni tal-ligi turi ampjament car li s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta’ sentenza pendenti l-ezitu ta’ proceduri ta’ ritrattazzjoni hi l-eccezzjoni altru milli r-regola;

“Fi kwalunkwe kaz, fl-eventwalita’ li t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti fil-kawza ta’ ritrattazzjoni jigu milqugha, l-istess

socjeta’ ghandha rimedju ordinarju billi tipprocedi ghar-risarciment tad-danni li tkun sofriet.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ta’ Malta Industrial Parks Limited u tal-Avukat Generali.

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, is-socjeta’ rikorrenti qed tilmenta illi decizjoni tas-16 ta’ April 2008, li permezz taghha l-Qorti tal-Appell cahdet it-talba taghha ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza kisret l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress illi l-istess kwestjoni ma gietx trattata minn Qorti mparzjali. Is-socjeta’ Malta Industrial Parks Limited issostni li s-socjeta’ rikorrenti setghet, kieku riedet, uzat ir-rimedju ordinarju moghti mil-Ligi.

“Jirrizulta illi s-socjeta’ rikorrenti kienet konvenuta f’kawza migjuba kontriha minn Malta Development Corporation. L-ezitu ta’ din il-kawza kien negattiv ghall-istess Medcast, dana ukoll fl-istadju tal-Appell, u sussegwentement, ir-rikorrenti odjerna talbet li l-kawza tigi mismugha mill-gdid.

“Sadanittant, talbet ukoll is-sospensjoni tad-decizjoni li kienet nghatat fil-konfront taghha. Din it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza nstemghet u giet michuda mill-Qorti tal-Appell komposta mill-istess tlett Imhallfin li kienu ddecidew il-kawza fil-mertu. Skond ir-rikorrent, dan il-fatt kien lesiv ghad-dritt taghha ta’ smiegh xieraq kif sancit mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“F’dan il-kuntest, il-Qorti Kostituzzjonali taghmel referenza ghall-principji elenkati fil-kawza “Vella vs Bannister”, (deciza fis-7 ta’ Marzu 1994) u, aktar ricentement, b’mod estensiv ferm fis-sentenza “Maria sive Marthese Attard et. Vs Policy Manager tal-Malta Shipyards”, (deciza mill-Prim’Awla fit-30 ta’ Settembru, 2010), fejn il-Qorti gabret il-principji rilevanti b’dan il-mod:

*“(a) L-esistenza ta’ rimedju iehor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fondamentali. Ghandu*

*jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dak il-ksur. Fl-istess waqt, m'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.*

*(b) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(c) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(d) Ma hemm l-ebda kriterju pre-stabbilit dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, ghaliex il-kriterju rilevanti huma l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz de quo. Mela fil-konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti u cirkostanzi, huwa accettabbli grad ta' flessibilita' minn naha wahda u formalizmu mill-inqas min-naha l-ohra. Fit-twettieq tad-diskrezzjoni li din il-Qorti ghandha skond il-ligi, ma hemm xejn assolut u lanqas awtomatizmi propju ghaliex ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz jibqa' l-kriterju rilevanti.*

*(e) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-mezzi ma kinux tajbin biex joffru rimedju shih lir-rikorrent.*

*(f) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent, minhabba l-imgieba ta' haddiehor, m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-*

*setghet taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(g) L-ezercizzju minn qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(h) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkun duplikazzjoni ta' xulxin, il-qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(i) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat."*

"Il-Qorti ma ssib ebda raguni li tiddipartixxi minn dan l-insenjament. Il-Qorti hi tal-fehma illi r-rimedju provdut bl-Art. 734 (1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet jissodisfa dan il-kriterju u seta' facilment intalab minghajr piz irragonevoli ghall-istess Medcast. Infatti, talba simili ghal rikuza saret u giet milqugha ricentement mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2011, fil-proceduri "Fenech vs Farr Limited et".

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Malta Industrial Parks Limited u a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(2) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ghar-raguni li r-rikorrenti kellha rimedju xieraq taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur ta' jeddijiet minnha allegat, u b'hekk tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

"L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' rikorrenti."

**<u>Rikors tal-appell tas-soċjeta` rikorrenti Medcast Foundry Ltd (C1768):</u>**

L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` intimata Malta Industrial Parks Ltd[1] u konsegwentement l-istess Qorti iddeklinat milli teżerċita s-setgħat tagħha għar-raġuni li s-soċjeta` rikorrenti kellha <u>rimedju xieraq</u> taħt liġi ordinarja għall-ksur ta' jeddijiet minnha allegat. Hija irriteniet li s-soċjeta` rikorrenti fil-fatt kellha r-rimedju li titlob ir-rikuża tal-imħallfin a tenur tal-Artikolu 734(1), rimedju li għażlet li ma tirrikorrix għalih.

Is-soċjeta` rikorrenti appellanti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni. Hija targumenta li bil-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni spostat għal kollox l-ordinament ġuridiku għaliex l-ewwel ma għandha tapplika sewwa l-liġi hija l-Qorti stess, u *multo magis* meta si tratta tal-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li huwa ta' ordni pubbliku.

Tgħid ukoll li huwa kontrosens li f'każ ta' smiegħ ta' ritrattazzjoni fil-mertu ma joqgħodux l-istess imħallfin li jkunu ddeċidew is-sentenza li fir-rigward tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, imbagħad f'każ ta' rikors għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza din jiddeċiduha l-istess imħallfin li jkunu taw tali sentenza.

Is-soċjeta` rikorrenti appellanti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja **San Leonard Band Club v. Malta**, mogħtija fid-29 ta' Lulju 2004[2], u

[1] "*Illi in linea preliminari, is-soċjeta` rikorrenti naqset li titlob l-astenzjoni tal-ġudikanti li kienu jiffurmaw il-Qorti tal-Appell fil-mori tal-proċeduri li minnhom qegħdha tilmenta permezz tar-rikors kostituzzjonali fl-ismijiet fuq premessi u għalhekk akkwixxiet għall-kompożizzjoni ta' dik l-istess Qorti.*"

[2] *Din is-sentenza kienet tirrigwarda ċirkostanzi fejn l-imħallfin f'kawża ta' ritrattazzjoni kienu l-istess* imħallfin li *ddeċidew il-kawża tal-appell li fir-rigward tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Il-Qorti Ewropeja rriteniet li l-fatt li l-imħallfin fil-kawża ta' ritrattazzjoni kellhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni tal-liġi da parti tagħhom stess fil-kawża tal-Appell kienitx waħda suffiċjenti u adegwata, dan jammonta għal ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap.319), li jistipula li kulħadd għandu dritt għal smiegħ xieraq minn qorti imparzjali..*

targumenta li għalkemm in segwitu` ta’ din id-deċiżjoni ma saret l-ebda emenda fil-liġijiet tagħna, il-Kapitolu 319 jimponi fuq pajjiżna li l-ġurispudenza li tinħoloq dwar il-każijiet Maltin (għall-inqas) tkun tapplika bħala interpretazzjoni.

**Risposta tas-soċjeta` Malta Industrial Parks Limited (C28965):**

Is-soċjeta` intimata appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza mogħtija in prim’ istanza hija ġusta u timmerita konferma.
Hija tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mogħtija nhar id-29 ta’ Lulju 2004 fl-ismijiet **San Leonard Band Club v. Malta** (Application No. 77562/01), li hija s-sentenza li fuqha qed tibbaża l-ilmenti tagħha dwar il-ksur tal-jedd tagħha ta’ smiegħ xieraq, kif ukoll l-appell tagħha, is-soċjeta` rikorrenti appellanti. Is-soċjeta` appellata taċċenna għall-fatt li f’dik il-kawża l-każin ritrattand kien fil-fatt talab ir-rikuża tal-imħallfin sedenti fil-kawża ta’ ritrattazzjoni, liema talba kienet ġiet miċħuda, u tenfasiżża li l-ilmenti dwar l-allegat ksur ta’ jeddijiet fundamentali kienu msejsa proprju fuq il-fatt li l-Imħallfin sedenti ma kienux laqgħu t-talba għar-rikuża.

Is-soċjeta` intimata appellata targumenta fl-ewwel lok li fil-każ odjern is-soċjeta` rikorrenti appellanti akkwixxiet għall-fatt li l-istess imħallfin li kienu ddeċidew il-kawża fl-istadju tal-appell semgħu u ddeċidew ir-rikors għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza ritrattata u fit-tieni lok li din id-deċiżjoni dwar ir-rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza ritrattata hija att separat u distint mill-proċeduri tar-ritrattazzjoni (li fihom l-imħallfin fil-fatt irrikużaw rwieħhom).

Fl-aħħar nett hija tirrileva li l-azzjoni ta’ ritrattazzjoni, deċiża minn kompożizzjoni li qatt ma kellha xejn x’taqsam mal-vertenza bejn il-kontendenti, kellha eżitu negattiv għas-soċjeta` appellanti Medcast Foundry Ltd.
**Risposta tal-appellat l-Avukat Ġenerali:**

L-Avukat Ġenerali wieġeb biex jgħid li s-sentenza mogħtija in prim' istanza hija ġusta u timmerita konferma.

Huwa jsostni li ġialadarba s-soċjeta` rikorrenti appellanti ma talbitx ir-rikuża tal-imħallfin sedenti li kellhom jiddeċiedu dwar is-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li hija kienet qegħdha titlob ir-ritrattazzjoni tagħha, hija allura ma setgħetx imbagħad tirrikorri għal rimedju kostituzzjonali kif qegħdha tippretendi.

Huwa jenfasiżża l-punt li huwa diġa` kellu okkażjoni li jqajjem quddiem l-ewwel Qorti, u cioe` li d-deċiżjoni dwar it-talba għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza m'għandhiex x'taqsam mal-mertu tal-istess sentenza u għalhekk tali deċiżjoni ma tistax titpoġġa fuq l-istess pjan ta' sentenza li tiddeċiedi r-ritrattazzjoni nnifisha. Isegwi allura li ma tistax tiġi invokata s-sentenza tal-Qorti Ewropeja **San Leonard Band Club v. Malta** peress li din is-sentenza tolqot biss il-kompożizzjoni tal-imħallfin f'ritrattazzjoni.

Finalment huwa jirreferi għat-tagħlim ta' Harris, O'Boyle u Warbrick fl-opra tagħhom "Law of the European Court of Human Rights" (It-tieni edizzjoni) fejn jgħidu li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tirrigwarda deċiżjonijiet finali u mhux proċedimenti interlokutorji.[3]

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

Biex wieħed jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi li taw lok għal din il-vertenza odjerna, din il-Qorti qegħdha telenka l-proċedimenti ġudizzjarji relattivi f'ordni kronoloġika:

- 30.11.2007 <u>Malta Development Corporation (*Malta Industrial Parks Ltd assumiet l-atti fis-06.11.2007*) vs Medcast Foundry Ltd</u> (Cit.Nru 284/00): Il-Qorti tal-Appell

[3] "*Whereas Article 6 applies to the execution of final judgments, it does not govern interlocutory court proceedings....The Court's generally negative approach in respect of interlocutory proceedings is based upon the view that a person's rights and obligations are only determined in the sense of Article 6(1) when they are being ruled upon on the merits.*"

komposta mill-Imħallfin Vincent Degaetano (President), Alberto Magri u Tonio Mallia ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u **ordnat l-iżgumbrament** tal-Medcast Foundry Ltd mill-art fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far.

- 27.02.2008 A bażi tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè fuq l-allegazzjoni li s-sentenza relevanti kienet applikat il-liġi ħażin, is-soċjetà Medcast Foundry Ltd għamlet **rikors għal ritrattazzjoni** tal-appell fuq imsemmi deċiż bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-30.11.2007.

- 27.02.2008 Is-soċjeta` Medcast Foundry Ltd għamlet **rikors għas-sospenzjoni tas-sentenza** tat-30.11.2007 pendenti l-eżitu tar-ritrattazzjoni (Rikors. Nru: 52/2008).

- 16.04.2008 <u>Malta Development Corporation (*Malta Industrial Parks Ltd assumiet l-atti fis-06.11.2007*) vs Medcast Foundry Ltd</u> (Rikors Nru: 52/2008): Il-Qorti tal-Appell komposta mil-Imħallfin Vincent Degaetano (President), Alberto Magri, u Tonio Mallia **ċaħdet it-talba għas-sospenzjoni tas-sentenza** tat-30.11.2007 pendenti l-eżitu tar-ritrattazzjoni.

-10.06.2008 <u>Medcast Foundry Ltd vs Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha l-Malta Industrial Parks</u> (Rikors Nru 32/08 AF) – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali): Il-Medcast Foundry Ltd **għamlet kawża kostituzzjonali** fejn fost affarijiet oħra talbet provvediment temporanju li jissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30.11.2007 u dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tas-16.04.2008 tivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem peress li ma ġietx deċiża minn Qorti imparzjali.

- 27.06.2008 <u>Medcast Foundry Ltd vs Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha l-Malta Industrial Parks</u> (Rikors Nru 32/08): Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) **ordnat lill-Malta Industrial Parks biex ma tesegwix l-iżgumbrament** sakemm tiġi deċiża l-vertenza li għandha quddiemha.

-14.10.2008 <u>Malta Development Corporation (*Malta Industrial Parks Ltd assumiet l-atti fis-06.11.2007*) vs Medcast Foundry Ltd</u> (Cit. Nru: 284/00) – Il-Qorti tal-Appell komposta mill-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (Aġent President), Noel Cuschieri, u Abigail Lofaro **ċaħdet it-talba għal ritrattazzjoni**.

- 03.11.2008 <u>Medcast Foundry Ltd vs Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha l-Malta Industrial Parks</u> (Rikors Nru 32/08): Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) **irrevokat *"contrario imperio"* d-digriet tagħha** tas-27.06.2008 peress li t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet miċħuda.

- 27.01.2011 <u>Medcast Foundry Ltd vs Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha l-Malta Industrial Parks</u> (Rikors Nru 32/08) – Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ċaħdet ir-rikors kostituzzjonali tal-Medcast Foundry Ltd u irriteniet li **peress li kellha rimedju ieħor ma kienx jissussisti każ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq** fir-rigward tad-deċiżjoni tas-16.04.2008 mogħtija mill-Qorti tal-Appell komposta minn VDG-AJM-TM.

- 16.02.2011 <u>Medcast Foundry Ltd vs Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollha l-Malta Industrial Parks</u> (Rikors Nru 32/08) – Is-soċjeta` Medicast Foundry Ltd intavolat **appell mis-sentenza kostituzzjonali** tas-27 ta' Jannar 2011.

**<u>L-aggravji tas-soċjeta` rikorrenti appellanti:</u>**

*Dwar id-disponibilita` tar-rimedju ordinarju*

Is-soċjeta` rikorrenti appellanti targumenta li meta l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Malta Industrial Parks Ltd li hija (is-soċjeta` rikorrenti appellanti, Medcast Foundry Ltd) messha talbet ir-rikuża tal-imħallfin, hija "spostat l-ordinament ġuridiku", peress li "l-ewwel m'għandha tapplika sewwa l-liġi hija l-Qorti stess".

In fatti jidher li dan ir-“rimedju” ma rrikorrietx għalih is-soċjeta` rikorrenti appellanti fil-proċeduri dwar it-talba għal sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza (Rikors Nru 52/08). Is-soċjetà appellanti dan ma tikkontestahx mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta’ April 2008 li rrespinġiet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha s-soċjetà rikorrenti kienet qiegħdha titlob ir-ritrattazzjoni jirriżulta li d-difensuri tal-partijiet instemgħu fit-8 ta’ April 2008 u ma jirriżultax li dakinhar ġew rekużati l-Imħallfin komponenti l-Qorti u li eventwalment iddeċidew ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti.

Għandu jiġi rilevat, iżda, li ħadd mill-appellati ma indika liema raġuni ta’ rekuża skont il-liġi setgħet tinvoka s-soċjeta` appellanti fil-konfront tal-Imħallfin inkwistjoni. L-uniċi raġunijiet potenzjali ta’ rikuża possibbli fiċ-ċirkostanzi tar-rikors għas-sospensjoni tas-sentenza li tagħha kien qiegħed jintalab ir-ritrattazzjoni huma dawk fil-paragrafu (d)(i)(ii) tal-Artikolu 734(1) tal-Kap. 12. Dawn il-paragrafi jipprovdu kif ġej:

“**734**(1) L-imħallef jista’ jiġi rrikużat jew jista’ jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –

- omissis –

“(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,

“(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:

“Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*,”

Ma jirriżultax li xi ħadd mill-Imħallfin komponenti l-Qorti li ddeċidiet ir-rikors għas-sospensjoni tas-sentenza kien ta xi parir dwar xi aspett tal-mertu tar-rikors quddiem il-Qorti. Dak li kellu jiġi deċiz mill-Qorti f’dik l-istanza kien jekk hija

kellhiex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha kien qiegħed jintalab ritrattazzjoni. Skont l-Artikolu 823(2) tal-Kap. 197, meta tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas- sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, il-Qorti għandha tħares lejn żewg affarijiet: (a) jekk min qiegħed jagħmel it-talba jagħtix garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tiġix imħassra (b) jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti li titlob is-sospensjoni milli t-twaqqif ta' eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.
Ebda wieħed mill-Imħallfin komponenti l-Qorti li ddeċidiet ir-rikors għas-sospensjoni ma kien ta xi parir dwar xi aspett minn dawn imsemmija. Ħadd minnhom ma kien ittratta quddiem xi qorti dwar xi tali aspett li kien il-mertu tal-proċedura quddiemhom, u anqas jirriżulta li xi ħadd minn dawk l-Imħallfin kien kiteb dwar dan jew li b'xi mod kellu x'jaqsam ma' xi aspett imsemmi jew li kien jiddependi minnu. Anqas jirriżulta li xi aspett minn dawk imsemmija kien ġa` ġie quddiem xi ħadd mill-Imħallfin imsemmija. Dak li kien in kunsiderazzjoni fil-proċedura għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza inkwistjoni kienu kwistjonijiet ta' fatti ġodda li kienu *toto coelo* differenti minn dak li kien ġie quddiemhom fil-kawża deċiża minnhom preċedentement bis-sentenza li taghħa kienet qed tintalab is-sospensjoni. Inoltre, l-appellati ma ċċitaw ebda deċiżjoni li permezz tagħha ġiet milqugħa talba għal rekuża fiċ-ċirkostanzi msemmija. Anzi jirriżultaw sentenzi fejn talba għal rekuża fl-istess ċirkostanzi ġiet respinta[4].

L-ewwel Qorti ikkummentat li fil-fatt kien hemm "talba simili" għal rikuża u ġiet milqugħa riċentement mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2011 fil-proċeduri **Ian Fenech v. Farr Ltd, Kurja Arciveskovili ta' Malta u Gvern ta' Malta**.

Din il-Qorti eżaminat din is-sentenza msemmija mill-ewwel Qorti u rriżultalha li t-talba għar-rikuża inkwistjoni ma

[4] Q. App. **Dr. Richard Camilleri pro et noe v. Dr. Victor Ragonesi noe**, 10/12/1991; Q App **Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred Galea et**, 15/2/2005

kellha x'taqsam xejn mal-kwistjoni odjerna. Ma kienitx qegħdha tintalab ir-rikuża ta' xi imħallef jew imħallfin li ddeċidew is-sentenza li dwarha hemm proċeduri għal ritrattazzjoni pendenti, sabiex dawn jastjenu milli jiddeċiedu dwar it-talba għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza sakemm tiġi deċiza t-talba għar-ritrattazzjoni. Wisq anqas ma ntlaqgħet xi talba f'dan is-sens. Ir-raġuni għaliex intalbet ir-rikuża ta' wieħed mill-ġudikanti fil-kawża **Fenech v. Farr Ltd et** kienet minħabba l-allegat involviment ta' missier il-ġudikant fil-każ, peress li għamel żmien twil l-avukat tal-Kurja Arċivesovili ta' Malta u kien hemm l-allegazzjoni li kienet "taħwida" tal-Kurja li tat lok għall-kawża u għalhekk intalbet u intlaqgħet ir-rikuża tal-ġudikant inkwistjoni. Għalkemm bl-ebda mod ma kien qed jintefa' xi dell fuq il-konsulenza tal-avukat missier il-ġudikant, il-Qorti dehrilha li kien opportun li t-talba għal rekuża tintlaqa'. Iċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma kellhom assolutament x'jaqsmu xejn ma' dak tal-każ odjern.

Għalhekk din il-Qorti ma hix sodisfatta li t-talba għar-rekuża tal-Imħallfin imsemmija kien rimedju xieraq, effettiv u adegwat għad-dispożizzjoni tas-soċjeta` appellanti fil-proċedura għas-sospensjoni tas-sentenza ritrattandi.

Huwa minnu li din il-Qorti bħala regola ma tiddisturbax l-eżercizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti konferita mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni iżda dan huwa hekk meta ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita` jew ta' ġustizzja jew żball manifest[5]. Fil-każ odjern din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li r-rimedju ordinarju rravviżat mill-ewwel Qorti u li induċiha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha ma kienx wieħed kif għandu jkun sabiex tkun tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skont l-artikolu msemmi u għalhekk din hi raġuni suffiċjenti sabiex din il-Qorti tħassar is-sentenza msemmija f'dan ir-rigward.

---

[5] Q. Kost. **Vincent Spiteri v. Onor. Prim Ministru et**, 31/8/1977; Q. Kost **Dr. Mario Vella v. Joseph Baqnnister noe**, 7/3/1994; **Olena Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**, 16/1/2006; **Mouwafak Toutoungi et. V. Kummissarju tal-Pulizija et**, 25/11/2011

Għalhekk dan l-aggravju tas-soċjetà appellanti qiegħed jiġi milqugħ, għalkemm mhux għar-raġunijiet miġjuba mill-istess soċjetà,  u din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u peress li l-ewwel Qorti ma ndirizzatx il-lanjanza tal-istess soċjetà u s-sottomissjonijiet tal-appellati fil-mertu, il-Qorti ser tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-każ fil-mertu sabiex tikkonserva favur il-partijiet il-benefiċċju tad-doppio eżami fir-rigward tal-istess .

**Deċide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell odjern billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-każ fil-mertu.
L-ispejjeż taz-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-intimati appellati solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------